# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 26 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1058/2016 AF**

Fl-atti tan-Nota ta' Qbid Numru 245/2016

**Pierre Darmanin**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana u fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni fl-okkju u li ghandu jaqra "Direttur Generali Dwana"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Pierre Darmanin li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti gie mgharraf bin-nota ta' qbid hawn fuq imsemmija numerata 246/2016 datata 8 ta' Novembru 2016 li biha l-intimat Kontrollur wettaq il-qbid ta' tabakk manufatturat u tabakk kif jidher fid-deskrizzjoni tal-oggetti maqbuda fl-imsemmija nota.

In segwitu l-esponenti kiteb lill-intimat fl-14 ta' Novembru 2016 u gharfu li huwa ma kienx qed jaqbel mal-hrug tal-imsemmija nota u li kien fi hsiebu jikkontesta l-istess.

L-esponenti qed iressaq dana l-umli rikors ai termini tal-artikolu 28(2) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti jikkontendi li huwa ma huwiex sid il-bastiment MV Crystal Starlight u cioè mnejn gew elevati s-sigaretti u tabakk in kwistjoni u ghalhekk l-effetti tal-imsemmija nota' ta' qbid *vis a vis* l-imsemmi tabakk in kwantu ma jappartjenux lir-rikorrenti huwa monki u nulli u per konsegwenza l-intimat ma' jista' qatt jikkonfiska l-imsemmi affarijiet li anqas biss jappartjenu lir-rikorrenti kif ser jigi pruvat.

Minghajr pregudizzju, ma kienet qed issir ebda attività illecita li tippermetti li l-intimat jghaddi biex jikkonfiska l-imsemmija opra tal-bahar u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

L-esponenti jikkontesta l-ordni ta' qbid hawn fuq indikata u li ghalhekk l-istess nota tigi dikjarata nulla u bla effett ghal finijiet u effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimat Direttur Generali (Dwana) li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, ghandu jigi ccarat li fil-prezent in-nomenklatura tal-Kap tad-Dipartiment tad-Dwana hija Direttur Generali (Dwana) u ghalhekk jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tal-kaz odjern.

In linea preliminari wkoll, l-esponent jirrileva li in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jiddikjara bil-gurament tieghu fir-Rikors Promotur li mhuwiex is-sid tal-bastiment Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53), huwa ghandu jiddikjara x'interess guridiku ghandu fic-cirkostanzi odjerni sabiex jikkontesta l-azzjoni odjerna.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fir-rigward tal-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(i) Jirrizulta mill-fatt tal-kaz, li l-bastiment Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53), twaqqaf mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fl-ibhra territorjali Maltin fl-1 ta' Dicembru, 2011 f'cirkostanzi suspettuzi ferm. Fil-fatt, meta l-imsemmi bastiment gie intercettat, gie ordnat jidhol u jorbot mal-moll fil-Port il-Kbir taht skorta tal-Forzi Armati ta' Malta. Hemmhekk, l-ufficcjali koncernati ghamlu tfittxija estensiva abbord l-imsemmi bastiment fejn skoprew l-ammont komplessiv ta' (555,600) hames mija u hamsa u hamsin elf u sitt mitt sigarett sdazjat tal-marki *Walton*, *Capital* u *Manchester* li fuqhom kien dovut (€73,339.20) tlieta u sebghin elf, tlett mija u disa' u tletin Ewro u ghoxrin centezmu dazju tas-SISA; (€9,280.74) disat'elef mitejn u tmenin Ewro u erba' u sebghin centezmu dazju ta' importazzjoni; (€17,771.81) sbatax-il elf seba' mija u wiehed u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu taxxa fuq il-valur mizjud li komplessivament jammontaw ghal (€100,390.76) mitt elf u tlett mija u disghin Ewro u sitta u sebghin centezmu. Inoltre, gew skoperti wkoll fuq l-imsemmi

bastiment, (86.5) sitta u tmenin u nofs kilogrammi tabakk sdazjat tal-marka Samson li fuqu kien dovut (€7076.57) sebat elef u sitta u sebghin Ewro u seba' u hamsin centezmu dazju tas-Sisa; (€1036.62) elf sitta u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu dazju ta' importazzjoni u (€1709.49) elf, seba' mija u disa' Ewro u disa' u erbghin centezmu taxxa fuq il-valur mizjud li komplessivament jammontaw ghal (€9822.68) disat' elef tmienja u tnejn u ghoxrin Ewro u tmeinja u sittin centezmu. Ghalhekk komplessivament kien hemm perikolat l-ammont komplessiv ta' (€110,213.44) mija u ghaxart elef mitejn u tlettax-il Ewro u erba' u erbghin centezmu f'telf ta' erarju pubbliku. Per konsegwenza ta' dan l-agir illecitu u sussegwentement li giet konkluza l-Inkjesta Magisterjali dwar dan il-kaz fil-5 ta' April, 2016, l-ufficcjali tad-Dwana pprocedew biex johorgu n-Noti ta' Qbid bin-numru ta' referenza 245/2016 (fir-rigward tas-sigaretti sdazjati u tat-tabakk sdazjat li mhumiex kontestati permezz tal-procedura odjerna) u n-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 246/2016 (fir-rigward tal-bastiment Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53) ai termini tal-Kap. 37 u 382.

(ii) L-artikolu 68 u 69 tal-Kap. 37 jipprovdi b'mod car li l-konfiska ta' kull mezz ta' garr li xjentement jkun gie uzat fil-habi jew trasport ta' oggetti li fuqhom ma jkunx gie mhallas jew kawtelati t-taxxi relattivi hija wahda tassattiva. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrent Pierre Darmanin li fil-mument li gew skoperti l-imsemmija oggetti sdazjati kien anke l-Kaptan tal-imsemmi bastiment huma ghal kollox insostenibbli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża a tenur tal-artikolu 28 tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, għal dikjarazzjoni li oġġetti ma kellhomx jiġu konfiskati mill-intimat. Ir-rikorrenti qiegħed jattakka n-nota ta' qbid bin-numru 245/2016, tat-8 ta' Novembru 2016, maħruġa mill-intimat fuq l-ammont komplessiv ta' 555, 600 sigarett sdazjat u tabakk tal-marki *Walton*, *Capital* u *Manchester*.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fl-1 ta' Diċembru 2011 il-Forzi Armati interċettaw il-bastiment *MV Crystal Starlight* fl-ibħra territorjali ta' Malta. Minn tfittxija abbord irriżulta ammont sostanzjali ta' sigaretti u tabakk sdazjat. Il-bastiment ġie skortat lejn il-Port il-Kbir fejn kienu qed jistennew l-uffiċjali tad-Dwana li żammew dawn l-oġġetti taħt il-kustodja tagħhom. Fid-dawl ta' din is-sejba nfetħet inkjesta maġisterjali li ġiet konkluża fil-5 ta' April 2016 u sussegwentment, l-intimat ħareġ in-nota ta' qbid in kwistjoni.

Ir-rikorrento jgħid illi dawn is-sigaretti nstabu f'*containers* f'wiċċ l-ilma madwar 250 mil nawtiku 'l barra minn Malta wara li ħarġu bil-bastiment biex jagħtu xi xbieki tat-ton lill-bastiment grieg.

Peress illi r-rikorrent mhuwiex is-sid tal-bastiment *MV Crystal Starlight* u ċioè l-lok minn fejn ġew elevati s-sigaretti u t-tabakk in kwistjoni, huwa jisħaq li l-effetti tan-nota ta' qbid fuq dawn l-oġġetti, in kwantu li ma jappartjenux lilu, huma monki u nulli u per konsegwenza l-intimat ma setax jikkonfiskahom.

Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, ir-rikorrenti jgħid li ma kienet qegħda ssir l-ebda attività illeċita u allura għal din ir-raġuni wkoll, l-oġġetti ma kellhomx jiġu konfiskati.

Fin-nota ta' qbid mertu tal-kawża hemm miktub illi r-raġuni wara l-konfiska hija:

*"Fl-1 ta' Diċembru 2011 instab fil-pussess ta' sigaretti u tabakk illegali.*

*Bi ksur tal-Artiklu 60(b) (h) (k) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, kif ukoll Artiklu 17(1)(a) (d) tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta."*

Preliminarjament, l-intimat jeċċepixxi li n-nomenklatura tal-Kap tad-Dipartiment tad-Dwana hija Direttur Ġenerali (Dwana). Din l-eċċezzjoni hija llum sorvolata in kwantu li fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2017 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-korrezzjoni meħtieġa.

In linea preliminari wkoll, l-intimat jeċċepixxi li r-rikorrenti għandu jiddikjara x'interess ġuridiku għandu sabiex jippromwovi l-kawża odjerna stante li *ex admissis* mhuwiex is-sid tal-bastiment fejn instabu s-sigaretti u t-tabakk in kwistjoni.

Jirriżulta mill-atti li din il-kawża r-rikorrent għamilha f'ismu personali biss. Is-sid tal-bastiment *MV Crystal Strarlight* hija s-soċjetà Darmanin Fisheries Limited, li tagħha r-rikorrenti huwa l-uniku direttur kif ukoll azzjonist maġġoritarju. Ladarba t-teżi tar-rikorrent hija li l-bastiment mhuwiex tiegħu u lanqas huma tiegħu s-sigaretti u t-tabakk konfiskat, l-intimat għandu raġun jgħid li r-rikorrent f'ismu personali m'għandu l-ebda interess ġuridiku jimpunja l-konfiska. Dan għaliex jew l-oġġetti konfiskati huma tiegħu jew instabu fil-pussess tiegħu u allura qiegħed jattakka l-konfiska bħala s-sid jew il-pussessur tal-oġġetti hekk konfiskati, jew jekk mhux hekk, m'għandu l-ebda interess fihom u ma jistax jikseb suċċess permezz ta' din il-kawża. Iż-żewġ kawżali li fuqhom qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu r-rikorrent ma joqodux flimkien.

Dwar in-nota ta' qbid innifisha, a tenur tal-artikolu 27(1) tal-Kap. 382:

*"Uffiċjal tas-sisa għandu jagħti avviż dwar kull qbid u r-raġunijiet dwaru lil kull persuna li, skont il-fehma tal-*

*uffiċjal, kienet fiż-żmien li sar il-qbid is-sid jew is-sidien tal-oġġett, jekk magħrufa, u min ikun wettaq ir-reat."*

Skont l-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37:

> *"Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta."*

Huwa minnu li din in-nota ħarġet f'isem ir-rikorrenti f'ismu personali meta sid il-bastiment hija s-soċjetà li tagħha huwa id-direttur, madanakollu, l-oġġetti ġew konfiskati għaliex ġew importati mingħajr ma fuqhom tħallas dazju u taxxa fuq il-valur miżjud bi ksur tal-liġi doganali. In-nota ta' qbid tirrigwarda l-oġġetti mhux il-bastiment u allura ma jiswa xejn li l-bastiment huwa proprjetà tal-kumpannija tar-rikorrenti u mhux tiegħu personali. Il-fatt illi n-nota ta' qbid kienet indirizzata lir-rikorrento bħala l-persuna li fil-pussess tiegħu nstabu l-oġġetti konfiskati ma jfissirx illi l-konfiska ma tiswiex għaliex il-bastiment li nstabu fuqu mhuwiex tiegħu kif donnu qed jippretendu r-rikorrenti.

Minkejja dak li jgħid ir-rikorrent, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li huwa kien ippreżenta ruħu mal-awtoritajiet bħala s-sid u l-kaptan tal-bastiment. Fuq kollox, kien ir-rikorrent stess illi ffirma d-dikjarazzjoni tad-Dwana dakinhar li l-oġġetti ġew miżmuma minn fejn jirriżulta li dawn ġew elevati mill-pussess tiegħu kif ukoll illi fuq il-bastiment dakinhar ma kien hemm l-ebda kaptan Indonesjan iżda kienu biss hu u persuna oħra ta' nazzjonalità Maltija. L-intimat allura kien korrett meta ħareġ in-nota ta' qbid f'isem ir-rikorrent.

Il-konfiska hija proċedura *in rem*, u l-fatt jekk is-sid kienx jaf jew le ma jaffettwax l-istess konfiska, u jekk l-oġġett konfiskat ikun jinstab li jkun bi ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana jew l-Att dwar Dazju tas-Sisa, l-intimat għandu s-

setgħa li jikkonfiskaha (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003, fil-kawża fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana). F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-konfiska tal-oġġetti hija mandatorja u l-intimat m'għandux diskrezzjoni jikkonfiskax jew le l-oġġetti in kwistjoni fejn iseħħ ksur tal-liġi doganali. Fuq kollox, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tar-rikorrent dwar is-sejba tal-oggetti, la hija kredibbli u lanqas verosimili.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat sa fejn r-rikorrent qiegħed jattakka l-konfiska tas-sigaretti u t-tabakk in kwistjoni u tiċħad it-talba tar-rikorrent għal dak li għandu x'jaqsam ma' n-nota ta' qbid innifisha.

L-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

IMHALLEF

DEP/REG